MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 50/2005/1

**Barc Company Limited**

**v.**

**(1) Avukat Generali**
**(2) Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino, Josienne Tonna, ahwa Gatt Baldacchino, u Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali fir-risposta tieghu tal-31 ta' Mejju 2006 ghar-rikors ta' appell tal-25 ta' Mejju 2006. Permezz ta' dana r-rikors ta' appell is-socjeta` Barc Company Limited qed tappella mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Mejju 2006. Fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2006 l-appellanti – cioe` Barc Company Limited – qablet li din il-pregudizzjali tigi deciza minn din il-Qorti kif komposta u ghalhekk qabel, u s'intendi bla pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' rikuza sollevata mill-istess appellanti fil-konfront ta' tnejn mill-membri ta' din il-Qorti. Dan, del resto, hu konformi ma' l-istess gurisprudenza ta' din il-Qorti in materja[1].

**2.** Din il-pregudizzjali kienet tghid hekk: *"Illi in linea preliminari l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-appell a tenur tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni in kwantu l-att tal-procedura li bih inbdiet il-kawza fl-ismijiet premessi mir-rikorrent gie dikjarat fieragh u vessatorju mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju 2006."* Fi kliem iehor, l-appellat Avukat Generali qed jinvoka l-ostakolu – li gie diversi drabi dikjarat bhala wiehed ta' ordni pubbliku[2] – skond is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u li jipprovdi li **"Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja"**. Disposizzjoni simili, anzi identika, tinsab ukoll fis-subartikoli (5) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Peress li dawn id-disposizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku, dana l-ostakolu procedurali jista' jitqajjem anke *ex officio* mill-Qorti, u ghalhekk anke jekk ikun gie invokat biss, kif gara f'dan il-kaz, l-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, dan ma jipprekludix lil din il-Qorti milli tezamina u tiddeciedi l-kwistjoni ukoll taht u skond l-Artikolu 4(5) imsemmi tal-Kap. 319.

[1] Ara **Arcidiacono Limited v. Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali 29/10/2004, fejn intqal, *inter alia*, hekk: "Infatti, ma jidher li hemm xejn antikostituzzjonali li l-istess imhallef jew imhallfin jiddeciedu talba ghal ritrattazzjoni meta dik it-talba tkun *ictu oculi* proceduralment irritwali bhal meta dik it-talba issir wara li jkun ghalaq iz-zmien preskritt bil-ligi, jew jekk ma ssirx il-kawtela skond il-ligi. Dana huwa hekk ghaliex f'kazijiet bhal dawn dak l-imhallef jew imhallfin ma jkunux qeghdin jezaminaw l-operat taghhom stess, izda jkunu semplicement qeghdin jezaminaw jekk it-talba ghar-ritrattazzjoni saritx ritwalment."

[2] Ara **Salvatore Grech v. Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali 31/1/2005.

**3.** Bazikament dak li gara f'dan il-kaz kien is-segwenti:- Ir-rikors promotorju (numru 50/05 TM) f'din il-kawza gie ppresentat fit-**18 ta' Ottubru 2005**. Permezz ta' dana r-rikors, Barc Company Limited qed tallega li gie vvjolat id-dritt taghha ta' smigh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea in segwitu ghal zewg digrieti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Lulju 1998 u 18 ta' Jannar 2000 fil-kors ta' l-appell fil-kawza Citazzjoni Numru **696/90**, u dan peress li l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet "extra legem".

**4.** Mill-kopja tas-sentenza ezibita a fol. 19 ta' l-atti – sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-20 ta' Gunju 2005, u fl-istess ismijiet bhal dik odjerna (rikors 738/2000) – jirrizulta li s-socjeta` Barc Company Limited kienet ga`, fis-sena 2000, intavolat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili rikors ghal rimedju kostituzzjonali <u>kontra l-istess appellati odjerni</u> fejn gie allegat <u>ukoll ksur ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni</u> minhabba <u>l-istess zewg digrieti</u> tal-Qorti ta' l-Appell (id-digrieti tat-8 ta' Lulju 1998 u tat-18 ta' Jannar 2000), <u>u s'intendi fl-istess kawza</u>, cioe` Citazzjoni Numru **696/90**. L-unika differenza hi li f'dak ir-rikors tal-2000 kien inghad li dawk id-digrieti kienu jilledu l-Artikolu 6(1) ghax icahhdu lis-socjeta` in kwistjoni mill-beneficcju tad-*doppio esame*, mentri fir-rikors odjern qed jinghad li <u>l-istess fatti identici</u> kienu jilledu l-Artikolu 6(1) ghax il-procedura addottata mill-Qorti ta' l-Appell b'dawk id-digrieti kienet "extra legem".

**5.** Bis-sentenza imsemmija tal-20 ta' Gunju 2005 din il-Qorti kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Gunju 2000 li permezz taghha t-talba tas-socjeta` Barc Company Limited kienet giet michuda, bl-ispejjez kontra taghha.

**6.** Fis-**17 ta' Ottubru 2005** (cioe` gurnata biss qabel ma ppresentat ir-rikors promotorju tal-kawza odjerna) Barc Company Limited ippresentat quddiem din il-Qorti rikors <u>ghar-ritrattazzjoni</u> tas-sentenza deciza fl-20 ta' Gunju 2005. B'decizjoni moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-13 ta' Frar 2006, ir-rikors ghar-ritrattazzjoni

gie dikjarat irritu u null ghax ippresentat *fuori termine* (erba’ xhur neqsin tlett ijiem minflok fi zmien tlett xhur).

**7.** Ir-rikors promotorju odjern – cioe` rikors nru. 50/05 TM – gie deciz, kif inghad, permezz ta’ sentenza moghtija fit-18 ta’ Mejju 2006. L-ahhar zewg paragrafi ta’ din is-sentenza qed jigu hawn riprodotti ghax huma essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vertenza dwar il-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali. F’dawn l-ahhar zewg paragrafi jinghad hekk:

**“Fl-ahhar nett, din il-Qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti abbuzat bil-procedura intiza ghal min ikollu ilment dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-principji fuq enuncjati [3] huma ben stabbiliti fil-procedura lokali, u ma kien hemm xejn stramb jew barra minn loku f’dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Hi addottat procedura normali f’kaz ta’ trasferiment ta’ dritt litigjuz, u dan kellu jkun a konoxxenza tas-socjeta` rikorrenti u/jew id-difensur taghha. Inoltre, meta bir-rikors numru 738/00 ressqet ilment kontra d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, kellha tressaq f’dawk il-proceduri l-ilmenti kollha taghha, u mhux tressaqhom wahda wahda biex tipprova tistultifika l-process gudizzjarju. B’rikors wiehed setghet facilment tressaq ilment li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tivvjola l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 [4] kemm ghax giet imcahhda mid-dritt ta’ *doppio esame*, u kemm ghax id-decizjoni kienet *extra legem*, b’mod li l-Qorti tkun tista’ tiddeciedi fuq iz-zewg ilmenti f’process wiehed. Dan l-abbuz da parti tas-socjeta` rikorrenti ghandu jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 10 tal-iSkeda A Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 10 tal-iSkeda A, Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u wara li qieset li l-att tal-procedura li bih inbdiet il-kawza kien fieragh u vessatorju, tordna**

[3] Dwar cessjoni u trasferiment ta’ dritt litigjuz fil-kors ta’ proceduri li jkunu pendenti.
[4] Recte: tal-Konvenzjoni.

**lis-socjeta` rkorrenti thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ Lm800 bhala spejjez addizzjonali.”**

**8.** Skond l-appellant, fil-kaz in dizamina ma’ hemmx l-ostakolu dovut ghas-subartikolu (5) ta’ l-Artikoli 46 u 4 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Skond hu l-Prim Awla, fis-sentenza appellata, mhux biss dahlet *funditus* fil-kwistjoni tac-cessjoni jew trasferiment tad-dritt litigjuz – haga li, skond hu, turi li ma kien hemm xejn fieragh u/jew vessatorju f’dak li kien qed jingieb ‘l quddiem bir-rikors promotorju – izda dik il-Qorti ma qalitx li l-att jew it-talba tieghu kienu “semplicement” frivoli jew vessatorji ghall-finijiet ta’ l-ostakolu ravvizat bid-disposizzjonijiet imsemmija, izda biss iddikjarat li kien hemm lok ghall-applikazzjoni ta’ l-ispejjez addizjonali.

**9.** Il-principji li jirregolaw il-kwistjoni ta’ meta u taht liema cirkostanzi jkun hemm l-ostakolu ravvizat fl-imsemmija Artikoli 46(5) u 4(5) huma ormaj ben stabbiliti u ma jidhirx li din il-Qorti ghandha ghalfejn toqghod tirrikapitolahom *per filo e per segno*. Issir referenza, a skans ta’ ripetizzjoni, ghas-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Lawrence Grech v. L-Avukat Generali et**, Qorti Kost., 16/5/2006, **Salvatore Grech v. Avukat Generali**, *supra*, nota *in calce* numru 2, **Carmen Micallef v. Prim Ministru et**, Qorti Kost., 24/10/2005, u **Anthony Pace v. Avukat Generali et**, Qorti Kost., 20/10/2004 – u s-sentenzi l-ohra kollha msemmija fihom. Is-sens ta’ dawn is-sentenzi, u ghalhekk tal-gurisprudenza in materja, hu li, ghalkemm hu desiderabbli li meta Qorti tkun ser timbolla xi talba li tkun saret quddiemha jew it-tqanqil ta’ xi kwistjoni bhala frivola u vessatorja fis-sens tal-imsemmija zewg artikoli (b’mod li jigi prekluz appell mid-decizjoni taghha) tintuza l-lokuzzjoni adoperata mil-legislatur – cioe` “semplicement frivola” jew “semplicement vessatorja”[5] – ma hux neccessarjament il-kliem uzat li jiddetermina finalment jekk ikunx hemm l-ostakolu ravvizat fl-imsemmija disposizzjonijiet. Jista’ jkun hemm ragunijiet <u>eccezzjonali</u> fejn din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali), minkejja l-kliem adoperati mill-ewwel Qorti, tkun tal-fehma li d-divjet ma

---

[5] Jew, s’intendi, it-tnejn.

jkunx applikabbli; u, bil-kontra, jista' ma jkunux gew uzati l-kliem ezatti  indikati f'dawn id-disposizzjonijiet izda jkun evidenti li dak li tkun qed tghid l-ewwel Qorti jkun sostanzjalment jammonta ghal dikjarazzjoni ta' "semplicement frivola" jew "semplicement vessatorja". Hekk, per ezempju, fis-sentenza li ghaliha saret referenza mid-difensur ta' l-appellant, u cioe` **Carmen Micallef v. Prim Ministru et**, intqal hekk:

"Issa ma hemmx dubbju li fid-*decide* l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruhha bl-aktar mod car u inekwivoku dwar li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti (illum appellanti permezz ta' Joseph Micallef) kienet mhux biss frivola jew vessatorja (ghax il-wahda jew l-ohra huma bizzejjed skond is-subartikoli (5) aktar 'l fuq imsemmija) izda addirittura frivola u vessatorja. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma wzatx il-kelma "semplicement", pero` din il-Qorti hi tal-fehma li s-sens kollu tad-*decide* hu li l-kwistjoni sollevata kienet effettivament semplicement frivola u vessatorja. Dan jemergi aktar car jekk wiehed jara l-paragrafu minnufih qabel id-*decide* (gja kkwotat) li jghid hekk: ***"Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, mhux biss hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura frivola u vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali."*** Ta min jinnota wkoll, kif tajjeb osserva Lawrence Farrugia fir-risposta tieghu, li anke l-appellant donnu jammetti li l-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet timbarralu l-possibilita` ta' appell, tant li lmenta li b'tali lokuzzjoni dik il-Qorti kienet qed tadopera mizura "arbitrarja daqs kemm hi odjuza"."

**10.** Interessanti li anke fil-kaz in dizamina, cioe` fil-kaz ta' l-appell interpost mis-socjeta` Barc Company Limited, l-appellanti tidher li fehmet li l-Prim Awla kienet imbarratilha l-possibilita` ta' appell. Fil-paragrafu immarkat bin-numru 1 fir-rikors ta' appell, fejn hija telenka l-aggravji, jinghad *inter alia*: *"Bir-rispett kollu, saret prassi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili illi, biex timpedixxi lir-rikorrenti fi proceduri kostituzzjonali milli jintavola appell mis-sentenza taghha, tittimbra r-rikors promotur bhala 'frivolu u vessatorju'.* L-

appellanti tkompli tilmenta li tant ma kien hemm xejn frivolu u vessatorju li l-ewwel Qorti kellha *"…fl-istess hin timpenja ruhha bis-shih biex tiddelibera fuq il-punt imqanqal, ticcita gurisprudenza u tikteb sentenza motivata – mhux biex issostni kemm hu frivolu u vessatorju l-punt imqanqal, izda ghal kuntrarju biex tiddibatti l-punt li jkun tqanqal…"*. Ghalkemm is-socjeta` appellanti tipprova, b'mod pseudo-ingenjuz, tiddefletti l-effetti veri tal-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti dwar il-frivolita` u l-vessatorjeta` tal-kwistjoni minnha imqanqla fid-dawl tal-precedenti gudizzjarji bejn l-istess partijiet u fuq l-istess meritu, il-fatt jibqa' li anke li kieku kien veru li l-ewwel Qorti abbuzat mis-setgha moghtija lilha li tittimbra t-talba bhala "semplicement frivola" jew "semplicement vessatorja", dejjem hemm din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – biex tassigura li tali abbuz ma jkollux konsegwenzi ghal min gustament u genwinement ikun irrikorra quddiem il-Qrati ghat-twettiq tad-drittijiet fondamentali tieghu.

**11.** Din il-Qorti, pero`, wara li qrat is-sentenza kollha appellata, minghajr l-icken ezitazzjoni tikkondividi bis-shih il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li effettivament iddikjarat li t-talba kienet "semplicement frivola u vessatorja". Huwa veru li l-ewwel Qorti ghaddiet biex tfisser il-principji li jirregolaw ic-cessjoni u t-trasferiment ta' dritt litigjuz fil-kors ta' proceduri li jkunu pendenti, pero` dan ghamlitu biex, kif jirrisulta mill-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata, turi kemm dawn il-principji kienu ben stabbiliti u li allura:

**"…ma kien hemm xejn stramb jew barra minn loku f'dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Hi addottat procedura normali f'kaz ta' trasferiment ta' dritt litigjuz, u dan kellu jkun a konoxxenza tas-socjeta` rikorrenti u/jew id-difensur taghha."**

Mill-ahhar zewg paragrafi tas-sentenza appellata, aktar 'l fuq riportati fil-paragrafu 7 ta' din is-sentenza, hu evidenti li l-ewwel Qorti, biex waslet li fis-sostanza tittimbra t-talba migjuba bir-rikors tat-18 ta' Ottubru 2005 bhala "semplicement frivola u vessatorja", <u>abbinat il-fatt tan-noterjeta` ta' dawn il-principji</u> (li allura kellhom b'xi mod

jigu mtennija) mal-fatt daqstant iehor palesi li s-socjeta` appellanti kienet qed tipprova tistultifika l-process gudizzjarju billi tispezzetta is-suppost ilment "kostituzzjonali" taghha bi proliferazzjoni ta' kawzi, inkluza kawza ghal ritrattazzjoni li saret manifestament *fuori termine* – cirkostanzi li mehuda flimkien kjarament u indiskutibbilment jammontaw ghal abbuz tal-process gudizzjarju da parti tas-socjeta` rikorrenti u tad-difensur taghha. L-ewwel Qorti kienet ghalhekk perfettament in regola li tittimbra l-operat kollu tas-socjeta` appellanti bhala frivolu u vessatorju, u per konsegwenza anke t-talba minnha migjuba kienet "semplicement frivola u vessatorja" ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikoli 46(5) u 4(5) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319. Anqas ma tista' l-appellanti targumenta li ma hemmx id-divjet gustament impost f'dawn id-disposizzjonijiet minhabba l-fatt li l-Prim Awla kienet applikat l-artikolu[6] 10 tal-iSkeda A Tariffa A tal-Kap 12[7]. Din is-sanzjoni kienet b'zieda ma' dik kontemplata fl-Artikoli 46(5) u 4(5), u ma hemm xejn x'jindika li s-sanzjoni kontemplata fl-imsemmija partita 10 teskludi l-applikabbilita` ta' l-Artikoli 46(5) u 4(5), jew vice versa.

**12.** Ghalhekk hu evidenti li l-proceduri odjerni saru b'abbuz tal-process gudizzjarju u semplicement biex jippruvaw jistultifikaw ghal kollox il-proceduri fil-kawza Citaz. nru. **696/90** li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Kemm dan huwa minnu jirrizulta wkoll mill-mod kif is-socjeta` appellanti ppruvat dejjem "ittawwal" dawn l-istess proceduri. Hekk, per ezempju, fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2006 (li ghaliha l-avukat tas-socjeta` ma deherx) hija nghatat sat-**3 ta' Marzu 2006** zmien biex tippresenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto jew notifika tal-kontroparti, tat zmien ukoll lill-intimati (appellati f'din istanza) sas-**7 ta' April 2006** ghan-nota taghhom, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-18 ta' Mejju 2006. Fis-**17 ta' Frar 2006** is-socjeta` Barc Company Limited talbet is-

[6] Recte: partita.
[7] "Il-Qorti tista', meta taghti s-sentenza, tordna li l-attur jew il-konvenut f'kawza jhallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati f'ammont ta' mhux anqas minn Lm250 u mhux izjed minn Lm1000, jekk il-Qorti jidhrilha li l-att tal-procedura li bih inbdiet il-kawza jew l-att tal-procedura b'risposta kienu fieragh jew vessatorja, jew li xi wahda mill-partijiet tkun tawlet il-proceduri minghajr bzonn, u f'dan il-kaz din is-somma ma tkunx tista' tintalab lura mill-parti l-ohra."

sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghax dehrilha li kellu jigi allegat il-process tal-kawza civili *de quo* u li s-socjeta` rikorrenti tigi awtorizzata tippresenta “affidavit b’dokumenti”. Il-Prim Awla, b’digriet tal- 20 ta’ Frar 2006, gustament cahdet it-talba ghax irriteniet li “talba simili kellha ssir fl-udjenza”. Fit-3 ta’ Marzu – meta allura s-socjeta` kellha tippresenta n-nota taghha – din, flok ma ghamlet hekk, ippresentat rikors fejn, wara li fissret li l-avukat taghha, Dott. Tonio Azzopardi, ma setax jattendi l-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2006 ghax kien qed jitratta quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, regghet talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, l-allegazzjoni tal-process tal-kawza civili *de quo*, kif ukoll li tigi awtorizzata tippresenta “affidavit b’dokumenti”. Il-Prim Awla, ukoll korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, ipprovdiet hekk:

**“Filwaqt li tinnota li fi tlett udjenzi tal-kawza quddiem il-Qorti, id-difensur tar-rikorrenti jidher li qatt ma kellu l-opportunita` jidher quddiemha; tinnota li din il-kawza hija ta’ natura kostituzzjonali u m’ghandhiex tigi regolata ghall-kaz ta’ “jekk ikolli hin”, u l-avukat kellu “jaghmel hin” ghall-kawza darba li deherlu li kellu jaccetta l-inkarigu; il-Qorti sejra tiehu konjizzjoni tal-kawza civili li tat lok ghal dawn il-proceduri u mhux mehtieg li l-process jigi allegat biex il-Qorti tiehu konjizzjoni ta’ process ta’ kawza ohra marbuta intrinsikament ma’ din il-kawza. Kwindi, tichad it-talba.”**

Pero` dan ma kienx bizzejjed. Wara li xi whud mill-kontro-parti ppresentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom <u>fiz-zmien lilhom moghti</u> [8], is-socjeta` Barc Company Limited regghet ippresentat rikors iehor fil-11 ta’ April 2006 fejn wara li qalet li kienet ghadha kif giet notifikata bin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kontro-parti, regghet talbet jew li tigi awtorizzata li tippresenta affidavit b’dokumenti jew li tigi awtorizzata li tippresenta n-nota ta’ sottomissjonijiet taghha bi twegiba ghal dik tal-parti l-ohra ppresentata fis-6 ta’ April 2006. L-ewwel Qorti hawn ukoll ma ppermettietx lill-imsemmija socjeta` u lid-difensur taghha li jaqilbu ta’

[8] Fil-fatt iz-zmien lilhom moghti kien sas-7 ta’ April, u huma ppresentaw in-nota fis-6 ta’ April 2006.

taht fuq il-procedura ghall-konvenjenzi tattici taghhom, u b’digriet tal-20 ta’ April 2006 cahdet it-talba “peress li r-rikorrent f’kull kaz kellu jippresenta n-nota tal-osservazzjonijiet tieghu sat-3 ta’ Marzu 2006”. Dan kollu, naturalment, qed jinghad fil-kuntest tal-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali ghax dawn huma fatti u cirkostanzi relevantissimi biex jigi determinat jekk b’xi mod l-ewwel Qorti abbuzatx mis-seta’ taghha li tistronka l-possibilita` ta’ appell billi effettivament tiddikjara t-talba bhala wahda semplicement frivola jew/u vessatorja.

**13.** Ghall-motivi premessi tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali u tiddikjara l-appell interpost mis-sentenza tat-18 ta’ Mejju 2006 bhala irritu u null peress li effettivament l-ewwel Qorti kienet iddikjarat li t-talba tas-socjeta` appellanti kienet semplicement frivola u vessatorja fit-termini tal-ligi, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess appell. L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta` appellanti. U peress li dana l-appell huwa fih innifsu wiehed fieragh u vessatorju (ghax intiz biss biex ikompli jipprolunga il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell) fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------